MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 294/2002/1

**Hi-Timber Company Limited**

**vs**

**Joseph Baldacchino u Charnwoods Limited**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta’ attrici fit-13 ta’ Marzu, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ konvenuta *Charnwoods Limited* tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ tmint elef, disa’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin u zewg centezmi (Lm8,955.02), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici;

Fost il-hlasijiet effettwati mis-socjeta’ konvenuta, saru tlett pagamenti ta’ Lm350, Lm1500 u Lm1500 illi gew rispettivament offruti mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici akkont tal-istess debitu, permezz ta’ tlett cekkijiet mahruga fi zminijiet differenti taht il-firma tal-konvenut Joseph Baldacchino, bhala direttur tal-istess socjeta’ konvenuta; liema cekkijiet izda baqaw ma gewx onorati mill-bank;

Sew l-ordnijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta u kif ukoll ic-cekkijiet li nhargu bhala parti mill-hlas ghall-prezz ta’ l-imsemmija merkanzija, saru lkoll mill-persuna tal-konvenut Joseph Baldacchino fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tal-kumpanija konvenuta *Charnwoods Limited* – f’cirkostanzi fejn l-istess konvenut kien f’posizzjoni li jkun jaf dwar l-istat finanzjarju tal-kumpanija konvenuta u tal-fatt illi l-istess kumpanija konvenuta ma setghetx tonora l-obbligi li dahlet ghalihom mas-socjeta’ attrici, naxxenti mill-akkwist tal-merkanzija;

Ghalhekk bl-agir doluz tieghu, il-konvenut Joseph Baldacchino rrenda ruhu responsabbli, *in solidum* mas-socjeta’ konvenuta, ghall-hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici, kif hawn fuq spjegat.

*Nonostante* interpellati, anke permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta lilhom fl-20 ta’ Novembru, 2001, il-konvenuti baqghu inadempjenti fil-hlas tad-debitu dovut minnhom minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi, bl-agir doluz tieghu kif hawn fuq spjegat, il-konvenut Joseph Baldacchino rrenda ruhu responsabbli, *in solidum* mas-socjeta’ konvenuta, ghall-hlas tad-debitu dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici bhala bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniehom, jew lil min minnhom, ihallsu lis-

socjeta’ attrici l-imsemmija somma ta’ tmint elef, disa’ mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u zewg centezmi (Lm8,955.02), rappresentanti l-bilanc tal-prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Novembru, 2001, l-ittra legali tal-25 ta’ Jannar, 2002 kif ukoll tal-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-kull *invoice* relattiva sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha huma eccepew illi:

Il-konvenut Joseph Baldacchino personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* illi ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici.

It-talba tas-socjeta’ attrici biex il-konvenut Baldacchino personalment jigi dikjarat responsabbli *in solidum* mas-socjeta’ konvenuta minhabba qerq ghandha tigi michuda *stante* illi hija insostenibbli guridikament.

Ma kien hemm l-ebda agir doluz *da parti* tal-konvenut Baldacchino u *kwindi* kwalunkwe talba kontra tieghu personalment ghandha tigi michuda.

Xejn mhu dovut mis-socjeta’ konvenuta *stante* illi kwalunkwe kontijiet li kien hemm pendenti minnha favur is-socjeta’ attrici kienu gew saldati zmien ilu.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjetajiet partijiet fil-kawza kienu ghamlu zmien jinnegozjaw ma' xulxin, bis-socjeta' attrici tbiegh merkanzija lis-socjeta' konvenuta, u din thallas xi haga akkont kull tant zmien. Jidher li s-socjeta' konvenuta ma kienetx tkun regolari fil-hlasijiet taghha, tant li fl-1999, is-socjeta' attrici waqfet tissuplixxi lis-socjeta' konvenuta b'merkanzija peress li d-dejn kien wiehed sostanzjali. Fl-2000 l-ammont dovut gie mhallas, u s-socjeta' attrici regghet bdiet tinnegozja mas-socjeta' konvenuta, wara li l-konvenut Joseph Baldacchino, li kien il-proprjetarju tal-kumpanija, kien wieghed li kien se jibda' jhallas regolarment. *Nonostante* dan, is-socjeta' konvenuta xorta wahda bdiet taqa' lura fil-kontijiet, u mhux l-ewwel darba li kienet tohrog *cheque* biex taghmel hlas, b'dan, *pero'*, li c-*cheque* ma kienx jigi onorat mill-Bank. Is-socjeta' attrici, f'certi ordnijiet, kienet tinsisti li ma kienetx se taghmel konsenji jekk ma jsirx il-hlas relattiv dak il-hin stess; saru diversi konsenji b'dan il-mod, izda, saru ukoll konsenji *on credit*, bir-rizultat li l-kumpanija qed tirreklama minghand is-socjeta' konvenuta s-somma bilancjali ta' Lm8,955.02. Is-socjeta' attrici ippresentat rendikont dettaljat, koroborat bil-kopji tal-*invoices* relattivi, u fih esponiet kif l-ammont dovut kien qed jitla' sakemm, *nonostante* xi pagamenti akkont li kienu qed isiru, intlahaq il-bilanc mitlub. Il-bilanc jirreferi ghan-negozju ta' bejn il-partijiet li sehh fis-snin 1999, 2000 u 2001.

Is-socjeta' konvenuta qed tichad li hemm xi ammont bilancjali dovut lis-socjeta' attrici, izda ma kienetx konvincenti fl-ispjegazzjoni taghha. Is-Sur Baldacchino jghid li ghalkemm hu veru li gieli hareg *cheques* li ma gewx onorati, hu probabbli li ghal-istess *cheques* hallas wara bi flus, izda s-socjeta' attrici baqghet izomm ic-*cheques* relattivi u ma hargitlux ricevuta ghall-hlas *cash* li kien ghamel. Il-Qorti ma tarax li dan l-argument jista' jigi accettat. Hu facli li wiehed jghid li *"jista' jkun"* li gara hekk, *pero'*, il-prova tal-pagament trid issir min min qed jallegha,

u, f'dan il-kaz, il-Qorti mhux konvinta b'dak li qed jghid il-konvenut. Il-konvenut jghid ukoll li hu ma jistax jipproduci l-*accounts* tat-3 snin *in kwistjoni*, peress li hu waqaf jahdem bl-*accountant* li kien izommlu l-kotba, u, ghalhekk, dawn l-*accounts* baqghu mhux maghluqa. Din tidher *"manuvra"* ohra tas-socjeta' konvenuta biex tevita turi l-posizzjoni attwali taghha. Is-socjeta' konvenuta irrikonoxxiet l-*invoices* li huma l-bazi tal-azjoni attrici, u ghalkemm kellha tara jekk setghetx tipproduci provi li dawk l-*invoices* kienu gew saldati, din baqghet m'ghamlitux. Il-konvenut, fil-fatt, jghid li l-kumpanija konvenuta ghandha taghti *"xi haga"* lis-socjeta' attrici, *pero'*, ma kienx f'posizzjoni jispecifika kemm, u lanqas li juri li ghamel xi pagamenti ohra barra minn dawk ammessi mis-socjeta' attrici.

Il-Qorti, ghalhekk, tqies li s-socjeta' attrici irnexxiela tipprova b'mod sodisfacenti l-kreditu vantat minnha, u *kwindi*, fil-konfront tas-socjeta' konvenuta il-kreditu pretiz jirrizulta pruvat.

Is-socjeta' attrici titlob ukoll li d-direttur Joseph Baldacchino jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-dejn tas-socjeta' konvenuta u dana peress li, bhala l-persuna li kienet effettivament tmexxi l-kumpanija, huwa agixxa bi hsara ghall-kredituri b'mod li ghandu jinstab responsabbli ta' *"wrongful trading"*. Is-socjeta' attrici qed tallega li l-konvenut Joseph Baldacchino ghandu jinstab personalment responsabbli ghal dan id-dejn peress li tqarraq bil-kredituri meta kompla jinnegozzja, u specifikatament, kompla jaghti ordnijiet lis-socjeta' attrici, meta kien jaf jew kellu jkun jaf li s-socjeta' konvenuta ma kienetx fi stat li thallas l-obbligazzjonijiet taghha. Ghalkemm l-agir lamentat jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali ta' direttur, tali responsabilita' personali tista' tigi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana *a tenur* tal-artikolu 315 u 316 tal-Att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Dan il-punt kien gie diskuss minn din il-Qorti fil-kawza "Theuma vs Cachia", deciza fl-14 ta' Ottubru, 2004, u f'dik il-kawza, din il-Qorti kienet ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali, minghajr ebda limitazzjoni, *"meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha"*. Hekk ukoll hija l-posizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb "Farrar's Company Law" (Edit. 1998 pag. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta' *"wrongful trading"*;

*"The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation"*;

F'din il-kawza, l-attur ma ressaq ebda talba ghall-istralc tal-kumpanija konvenuta. L-attur seta' talab l-istralc taht il-provediment tal-artikolu 218 tal-indikat Kap. 386, u l-Qorti kienet tkun f'posizzjoni li taghti l-ordnijiet opportuni ghal istralc tal-kumpanija u l-hlas tad-debiti taghha, inkluz, jekk ikun hemm bzonn, ordni taht l-artikolu 315 (responsabbilita' ghal kummerc bi frodi) jew taht l-artikolu 316 (responsabbilita' ghal kummerc hazin). Fin-nuqqas ta' talba ghal istralc, il-Qorti, *pero'*, ma tistax tipprocedi b'dan il-mod mitlub"*.*

Dan kollu japplika wkoll ghal dan il-kaz. L-awtrici Brenda Hannigan fil-ktieb taghha *"Company Law"* (*Butterworths Edit. 2003*) tesprimi l-istess opinjoni. Hi tibda it-trattat taghha fuq ir-responsabilitajiet tad-diretturi billi tghid (f'pagna 837) li:

*"In addition to the formal processes of dealing with the insolvent company, whether through liquidation, administration, etc, the collapse of the company is also*

*the time when the conduct of the directors (and officers) of the company will be reviewed”*.

Aktar ‘l quddiem, l-istess awtrici tindika l-kondizzjonijiet li jridu javveraw ruhhom qabel ma direttur ta’ kumpanija jista’ jinstab responsabbli ta’ *“wrongful trading”*. L-istess bhal ma jinghad fil-ktieb “Farrar’s Company Law” aktar qabel kwotat, hi wkoll tinnota li l-ewwel kondizzjoni hi li *“the company has gone into insolvent liquidation”* (pagna 844). Dan hu hekk ghax qabel ma jigi dikjarat li kumpanija hija insolventi, mhux lecitu li wiehed imur wara l-*corporate veil* u jitlob sodisfazzjon ghall-kreditu tieghu direttament minghand id-diretturi personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba attrici peress li hi intempestiva, u b’hekk tillibera lill-konvenut Joseph Baldacchino personalment mill-osservanza tal-gudizzju, fil-waqt li tilqa’ *in parte* it-tieni talba attrici u, tikkundanna biss lis-socjeta’ konvenuta *Charnwoods Limited* thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm8955.02 (tmient elef, disa’ mija u hamsa u hamsin liri Maltin u zewg centezmi) bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ikkonsenjati lilha mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta, bl-imghax legali mill-11 ta’ Frar, 2000, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu kollha mis-socjeta’ konvenuta *Charnwoods Limited*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------